# L-Għanja taċ-Ċinja u l-Poeta

Ispirata mill-kanzunetta "Something" ta' George Harrison

**Louis Briffa**

Fil-mod ta' kif tiċċaqlaq, kollha grazzja,
u tofroq l-ilmijiet kemxejn ħadrana
hemm ġibda li m'af qatt u qatt xi tfisser
poeta jċafċaf idu fil-funtana.

Sakemm hi resqet lejh u serrħet rasha
bil-ħajma, tqattar l-ilma, fuq spallejh,
dinjitu kienet kiesħa, sewdinija ...
Tbissima qatt ma xirfet fuq xofftejh.

Djamanti żgħar fuq għonqha l-qtar tal-ilma
u 'l denbha donnu pjuma ma tfarfrux.
Fuq sidru sentenzjat li jħobb għal dejjem
ħalfitlu li b'għemilha ma tnaffrux.

Għajnejha kwiekeb ċatti, daħkanija
f'eżortazzjoni mqanqla jistednuh
it-triq mistura jsib għall-wens ta' qalbha
f'mument li xjaten oħra qliel nibxuh.

Quddiemu mserrpa ġmielha t-triq u twila,
'ma r-rieda soda tiegħu ma tħallihx.
Il-bieb ta' qalbha jibqa' jħabbat b'saħħtu
bit-tama li tiftaħlu w ma tkeċċihx.

Avolja rasha fl-ilma tielgħa w nieżla
ma titmagħhiex l-għadira li tixtieq.
X'monotonija din! Xi swied ta' ħajja
bla ħjiel ta' fjamma tixgħel lejl għammieq.

Avolja l-kliem jiġih ħafif maż-żiffa,
fl-abbiss ta' ruħu xorta jħossu x-xejn.
Fil-ġenn ta' waħdu l-kesħa xxoqqlu għadmu
u x-xemx ħabibtu ddoqq tassew għalxejn.

Jaffronta l-mewt. Jabbraċċa n-nar għaliha.
Għaliha jishar lejl għal ħjiel ta' vers.
Dil-ħlejqa femminili s-saħħa tatu
għax daqsha ħadd ma għożżu fl-univers.

Reġina bajda din ... Re jixirqilha
u mhux poeta jedha fl-istħajjil.
Xi ħadd li jaf xi jrid. Xi ħadd setgħani
u mhux miġnun li joħlom ħolm qalil.

Hemm mod kif hi tixtiequ lill-poeta.
Hemm mod kif hu jaraha qed toqrob lejh,
bħal donnha l-ewwel saba' ta' xemx fietla
li xegħel wiċċ il-ħolqien u s-sbieħ għajnejh.

Ilsienha ma jħallihx jiksħilha fl-ilma.
Ġwenħajha ġo dirgħajh iżommuh sħun.
Ħuġbejha bojod silġ. Rixha mill-isbaħ.
Munqarha f'ħalqu jgħarrex donnu spjun.

Bħal skjav ta' mħabba jmil, ibus fejn tgħaddi ...
Jimtedd biex tistrieħ fuqu fi xħin trid.
Ixxejjer għonqha twil u tross ma' qaddu
biex aktar jitlef għaqlu w xewqtu jżid.

Xintilli fih il-ħars jaqbad bejniethom.
Kompliċità din tagħhom mingħajr kejl.
Fejn tolqot il-qawsalla tal-passjoni
ma jiksaħ b'ebda sirda ta' billejl.

Iż-żmien jgħaddih jistenna n-naħa l-oħra
sakemm tkun lesta tabbanduna l-ġnien
li taf biex tasal ħdejh. Josservaha ħiemed,
kif jaf poeta biss, ank'ekk għajjien!

Għadira kiesħa l-vaska mingħajr ċinja,
u ċinja bla poeta ma tkantax.
Poeta ma jiktibx 'k ma jkollux ċinja.
Magħluq daċ-ċirku ferm u ma jvarjax.

Jekk ma tasalx jaħfrilha xorta waħda.
Armajn dar-raġel drah l-għeneb li qras.
Telf'oħra tkun li tkisser lill-poeta
u n-nies tidħak fil-vojt ma tagħtix kas.

Bil-pass ta' nkiss inkiss iwarrab sieket
biex ma tarah qatt aktar fuq wiċċ l-art.
Fil-folla jerġa' jsir raġel anon'mu.
Bews aktar ma jtihiex u lanqas ward.

Jinstemgħu jibqgħu biss fil-ġnien tal-ħrafa
l-għajjat maħnuq tat-tajra solitarja
u l-bikja kollha għeja ta' poeta
li reġa' ħabb u mħabbtu nħarqet fl-arja.